Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9227 — Rockwell/Schlumberger/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 210/11)

1. Fis-17 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-kumpaniji Rockwell Automation, Inc. ("Rockwell", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Schlumberger Limited ("Schlumberger", l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture ("JV") permezz ta' xiri ta' ishma u l-kontribuzzjoni ta' assi u persunal assoċjat.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Rockwell hija kumpanija dinjija ddedikata għal soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni u kontroll industrijali.

— Schlumberger hija fornitur dinji tat-teknoloġija, ġestjoni integrata ta' proġetti u soluzzjonijiet ta' informazzjoni għal klijenti fl-industrija taż-żejt u l-gass.

— Il-JV se tkun attiva fil-forniment ta' soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni u kontroll kompletament integrati u b'kapaċità diġitali għall-klijenti fl-industrija globali taż-żejt u l-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9227 — Rockwell/Schlumberger/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.